MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1607/2002

**BUPA Agencies Limited f'isimha proprju u bhala Agenti u ghan-nom ta' BUPA Insurance Limited u British American Insurance Co (M'tuis) Limited**

**vs**

**Davide Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Lulju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf u wiehed u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1031.50) dovuta premium tal-1 ta' Novembru 1999 tal-polza ta' assikurazzjoni Group No.799.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar, 2002 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fis-26 ta' Lulju, 2002 fejn intqal illi:**

**1. Preliminarjament illi s-socjeta' attrici ghandha tissostanzja ahjar il-pretensjonijiet taghha, u dan *inter alia* billi tipprezenta kopja tal-polza u invoices relattivi;**

**2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li nharget il-polza ta' assikurazzjoni *de quo*;**

**3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta mhix debitrici tas-socjeta' attrici in kwantu l-polza tal-assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici, jekk verament inharget, inharget kontra l-istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta;**

**4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta la tat il-kunsens taghha ghal hrug ta' l-istess polza u lanqas m'accettat il-hrug taghhom b'mod tacitu jew implicitu.**

**5. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Lilian Marsh, Albert Scerri, Joseph Camilleri.**
**Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi l-kawza qed issir ghal hlas ta' premium ta' polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici favur is-socjeta' konvenuta u dana ghal perjodu sa l-1 ta' Novembru, 1999 fl-ammont ta' elf wiehed u tletin u hamsin centezmu (Lm1031.50c).**

**2. Din l-assikurazzjoni, Dok AS1, AS2 u AS3 inharget fuq group name tas-socjeta' konvenuta sabiex tkopri lil Joseph Camilleri, Marlene Camilleri, uliedhom, kif ukoll Carolina Camilleri.**

**3. Jirrizulta li fil-15 ta' Ottubru 1999 inharget ir-renewal notice u dana hmistax-il jum qabel id-data ta' l-iskadenza skond ma xehdet Lilian Marsh, Accounts Manager ma' Bupa Limited. Skond l-istess Lilian Marsh il-contact person tal-group kien Joseph**

**Camilleri u kwalunkwe haga rigwardanti emendi fil-polza kellha ssir bil-miktub.**

**4. Jirrizulta li fil-31 ta' Marzu, 2000 u fl-20 ta' April 2000 Dok A u Dok B rispettivament, irrizulta li Carolina Camilleri ghamlet claims mas-socjeta' attrici u s-socjeta' attrici harget ic-cekkijiet biex tkopri dawn il-claims, pero' waqfet il-hlas peress li l-polza ma kienetx ghadha thallset.**

**5. Albert Scerri accountant mas-socjeta' konvenuta jikkonferma li fl-1998 kienet saret il-polza mas-socjeta' attrici ghal persuni msemmija, u din il-polza kienet imhallsa sa Novembru 1999. Huwa spjega li jekk ma jgeddux fi zmien xahar minn meta jkun dovut il-pagament il-polza taqa' awtomatikament. Qal ukoll li f'Ottubru, 1999 ircevew biex jaghmlu r-renewal tal-polza, pero' ma geddewhiex. It-Tribunal ma jqisx bhala valida din l-allegazzjoni ta' l-accountant li jekk ma jgeddux fi zmien xahar il-polza taqa' awtomatikament.**

**6. It-Tribunal jirrileva illi s-socjeta' attrici tassew kienet ghamlet il-polza ghal perjodu sa l-1 ta' Novembru 1999 u din ma gietx imgedda. F'dan ir-rigward kwalunkwe claim li saret minn individwu li qabel kien jaqa' taht il-group, ma kienetx koperta aktar bl-assigurazzjoni peress illi l-group ma geddidx din il-polza. Dana jinsab imsahhah bil-fatt illi meta s-socjeta' konvenuta rceviet ir-renewal notice, dina ghazlet li ma ggeddidx.**

**7. It-Tribunal jerga' jinnota li l-hlas in kwistjoni huwa premium dovut fl-1 ta' Novembru 1999 biex tkopri lin-nies imsemmija ta' Davide Limited ghas-sena 2000. Kif rilevat, ir-relazzjoni guridika kienet bejn is-socjeta' attrici u Davide Limited. Jirrizulta illi d-decizjoni li ma tigix rinnovata kienet ittiehdet minn Joseph Camilleri, Direttur ta' Davide Limited u f'dan is-sens ta istruzzjonijiet lill-accountant tieghu sabiex ma jsirx it-tigdid. It-Tribunal ma jistax ma jinnotax illi jekk kien hemm xi klawsola kontrattwali dwar it-tigdid, din ma tirrizultax u lanqas ma gie esibit kuntratt li setgha juri kif tigi rinovata l-polza ta' assigurazzjoni. Ghaldaqstant ma hemmx lok li t-talba tigi milquha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba tas-socjeta’ attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------